# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa (9/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Tlieta 15 ta’ Settembru 2015, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta’ Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Vici Sindku Francis Callus oġġezzjona li l-Kunsill kera dustbins u mhux skips waqt il-festa. Is-Sindku qal illi dawk kienu it-tip ta’ bins illi kien ressaq quddiem il-Kunsill [ref punt 3.5] għall-approvazzjoni li l-iskop tagħhom huwa li n-nies fil-pjazza jkolhom fejn jarmu, kif ukoll xorta waħda krejna skips. Il-Viċi Sindku qal illi kien hemm bzonn ta’ skips fejn il-gabbani bħal ma saru fil-passat, għax din is-sena huma ma sabux post fejn iħallu l-boroz. Żied illi kien hemm ħafna boroz barra l-Kunsill nhar il-festa.

3.2 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi fil-fehma tiegħu għandna niktbu fil-permess illi min japplika għal permess ta' gabbana għandu jġib bin miegħu u jħallas ammont għall-kirja tal-iskips [ref punt 3.6]. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-permess hemm miktub illi applikant għandu jkollu bin ta' mhux inqas minn 50litru

3.3 Is-Sindku kkonferma li kien tkellem ma' min jarma gabbani bil-qubbajt [ref 3.3] izda fil-verita ċ-ċaqliq tal-pjanċier ma kienx ta' inkonvenjenza għalihom. Żied illi ħadd minnhom ma ġie b'dizgwit meta kien hemm il-ħsieb illi se jkun hemm bzonn illi niċċaqalqu l-markings tagħhom.

3.4 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi hemm bzonn ta' tlett ħaddiema [mill-inqas] għax-xogħol fix-xelter [ref punt 3.12], fejn tnejn għandhom jinżlu isfel u wieħed jibqa fuq. Żied illi huwa ferm importanti li dawn il-ħaddiema jkollhom 2-way radio meta jinzlu taħt l-art. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lil Viċi Sindku biex jibgħat id-detalji tal-persuna li jagħmel dan it-tip ta' xogħol ħalli jsiru l-arranġamenti.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi taħt il-ħġieġ, fl-entrata tax-xelters, hemm il-ħaxix u hemm bzonn ta' tindif fuq it-taraġ/ħġieġ.

3.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi avolja EneMalta rranġaw waħda mill-arbli ta' triq San Tumas [ref punt 3.14] għadhom ma ħadux ħsieb it-tieni arblu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi sar is-shifting izda l-kunsillier Carlo Stivala qal illi kollox għadu kif kien.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala għamel referenza għal punt nru 3.15 fejn il-kunsilliera kellhom imorru triq il-Kaċċatturi wara l-laqgħa. Il-kunsilliera qablu li jmorru wara din il-laqgħa jekk il-ħin jippermetti.

3.7 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi jekk issir bankina f'triq il-Karwija c/w triq Irqajja [ref punt 10.1] ilma se jidħol fil-propjeta li hemm mal-kantuniera. Dan il-punt kien diskuss fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill kien qabel illi ssir tabella "Slow down, farm exit" izda mhux fuq bankina.

3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li sar ix-xogħol f'triq l-Ibraġġ [ref punt 10.2] kien hemm resident illi mar fuq il-ħaddiema tal-IPSL biex jikkontesta parti mix-xogħol illi kien sar. Dan il-persuna waddab iż-żebgħa fuq wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL u fetaħ kaz kontrihom. Is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema tal-IPSL marru l-għassa tal-pulizija u fetħu kaz kontra dan l-individwu. Is-Segretarju Eżekuttiv żied xi ħadd ħa l-liġi b'idejħ u neħħa ż-żebgħa minn fuq kaxxa permezz ta' materjal li joqtol iz-zebgħa. Żied illi fil-passat il-Kunsill diġa kellu problemi ma dan il-persuna u ressaq talba biex l-individwu jkun projibit milli jidħol il-Kunsill. Il-kunsilliera, li kienu avzati fuq dan kollu bit-telefon

qabel il-laqgħa, qablu u żied illi rċieva l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali wkoll. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi waqt illi dan il-persuna jista jkun projbit mill-Kunsill, jekk jitlob għal servizz xorta għandu d-dritt illi jieħu dan is-servizz bħala ċittadin.
Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi l-kunsilliera kollha kemm huma jafu lill-ħaddiema tal-IPSL u hu jemmen illi l-individwu qed jigdeb jekk għamel rapport illi huma tawħ daqqa. Żied ukoll illi kull xatba jew bieb ta' tmien piedi jew izjed, għandu jkollu kaxxa safra barra. Il-problema bdiet minħabba li sar dan it-tip ta' xogħol barra xatba.

3.9 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi kien opinjoni tiegħu li jkun hemm komunikazzjoni mar-residenti qabel ma saru d-double yellow lines fejn il-Convenience Store [ref punt 10.3]. Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-sid tal-Convenience Store u li dan aċċetta li jsiru dawn il-linji. Il-Viċi Sindku, flimkien mal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil, qabel illi saret din il-komunikazzjoni. Żied illi fil-passat kien hemm il-ħsieb illi ssir dan ix-xogħol izda ma kienx sar għax kien hemm oġġezzjoni mill-operaturi tal-ħwienet.

3.10 Il-Viċi Sindku Francis Callus iċċara l-punt tiegħu [ref punt 10.8] fejn qal illi l-hawkers tal-post għandhom il-ġranet tagħhom fejn ħadd ma jista jieħu posthom. Fil-ġranet l-oħra kull persuna li għandu permess biex jarma jista juza l-istand.

3.11 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi marru tajjeb ħafna fl-attivita [ref punt 10.15] ta nhar is-Sibt 12 ta' Settembru, fejn residenti marru sa' Sqallija għal ġurnata.

3.12 Il-kunsillier Carlo Stivala kkonferma li saru d-double yellow lines f'triq San Tumas.

3.13 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi l-parking bays ta' triq San Ġorġ ma sarux kif suppost [ref punt 10.26]. Is-Sindku qal illi meta ġew rapprezentanti ta' TM, huma qalu li jista jsir dotted white line.
Dawn huma l-kummenti tal-kunsilliera fuq dan il-kaz:

Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi hu ċert illi daħlet emajl għand il-Kunsill u dan l-emajl ma dehritx fuq l-Incoming Sheet. Fl-emajl hemm miktub illi l-bays kellhom isiru kif kienu qabel. Qal illi r-rapprezentanti ta' TM ġew wara li kienet intbagħtet l-emajl. Qal illi kien talab għall-emajl u din ma dehrietx. Qal ukoll illi l-parking bays kienu saru kif kienu fil-passat għax kien hemm trakkijiet illi kienu jkunu pparkjati hemm u li hemm resident li għandu high-up li jħalli l-vettura tiegħu hemm. Żied illi fejn hu possibli jaqbel illi nzidu l-parkeġġ fir-raħal izda mhux għall-inkonvenjenza għal min jgħaddi bil-pushchairs u wheelchairs [ilmenta li wieħed ma jistax jagħdi bihom issa kif sar ix-xogħol]. Issa li saru 'open' ħloqna

problema. Żied illi l-problemi kien bdew bħala pika kontriħ u żied illi x-xogħol illi sar issa sar bħala wegħda qabel l-elezzjonijiet.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi issa kif saru xorta hemm problema jekk persuna egoist jipparkja kif jixtieq [peress illi m'hemmx kaxxa] u għalhekk mhux dejjem se joqogħdu tlett karrozzi. Qal illi qabel li kien aħjar kif kienu qabel u li hu kien sema wkoll illi TM kellhom jibagħtu emajl biex ix-xogħol jerġa jsir kif kien qabel.

Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi wieħed kien jipparkja n-naħa l-oħra tat-triq u issa dan ma jistax jagħmel hekk u minn hemm beda dan kollu. Żied illi rappreżentanti ta' TM kienu qalu li x-xogħol illi sar seta jsir. Hu ma rax is-sens illi l-bays kienu saru kif kienu fil-passat biex t-trakkijiet jipparkjaw hemm u ma setax jifhem kif kunsilliera għandhom aċċess għal dokument bejn żewġ entitajiet meta dan huwa kontra d-Data Protection. Qal illi fil-passat ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni ma Transport Malta rigward parking bays fir-raħal. Qal illi jekk hemm bzonn il-kunsilliera kollha għandhom imorru fuq il-post flimkien ma rapprezentant ta' TM.

Is-Sindku Johan Mula qal illi dan ix-xogħol sar wara li ġie approvat mil-laqgħa tal-Kunsill. Aċċetta li l-Viċi Sindku Francis Callus kien skuzat dakinhar tal-laqgħa. Qal illi l-laqgħa li saret ma TM kien fuq it-traffic management system izda li għamilna talba għas-suġġerimenti rigward il-kaz ta' triq San Ġorġ, kif ukoll toroq oħrajn, u imxejna ma dak illi qalulna huma. Ċaħħad illi x-xogħol sar bħala wegħda ta' qabel l-elezzjoni u li l-iskop kien biex ikun hemm izjed post fejn wieħed jista jipparkja. Żied illi anqas konna obligati li nagħmlu linji. Żied illi se jitlob lil TM biex jikkonfermaw dak li kienu qalu fil-laqgħa bil-miktub, u reġa żied illi x-xogħol ġie approvat fil-laqgħa tal-Kunsill.

**4. Laqgħa mas-sur Roderick Cachia: Attivita Kulturali**

4.1 Is-sur Roderick Cachia rringrazzja lill-Kunsill għall-opportunita biex jorganizza din l-attivita. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi se jkun hemm fondi mid-DLG għall-attivitajiet kulturali u li għandna napplikaw via r-Reġjun Nofsinhar sa nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru. Is-sur Cachia qal x'inhuma l-idejat tiegħu bħala organizzattur ta' dawn it-tip t'attivitajiet. Qal illi organizza 2 Christmas Villages u jixtieq jorganizza Christmas Village fl-irħula ta' Ħal Safi u ż-Żurrieq, bħal dawk illi jsiru barra minn Malta. Qal illi hemm potenzjal fejn il-Mitħna tax-Xarolla, kif ukoll fil-pjazza ta' Ħal Safi u jixtieq juza l-Mitħna bħala dar ta' Father Christmas. Qal illi kellu l-ħsieb illi jkun mezz ta' trasport sal-pjazza ta' Ħal Safi fejn ikun hemm attivitajiet oħrajn. Qal illi jixtieq jinvolvi t-tfal tal-iskola fl-attivitajiet, waqt illi hemm bzonn ta' dekorazzjoni u stalls.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa x'nefqa hemm għal dan kollu. Is-sur Cachia qal illi ma jistax jikkonferma l-ammont fil-preżent għax hemm ħafna fatturi. Il-Kunsill se jkun f'pożizzjoni aħjar biex jara x'infieq hemm bzonn għall-attivita meta jirċievi konferma mid-DLG rigward l-ammont li għandna nieħdu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi r-raħal m'għandux armar tal-Milied li tispikka. Is-sur Cachia qal illi għandna nixtru xi ftit għall-okkazzjoni.
Il-Viċi Sindku Francis Callus staqsa jekk se jkun hemm ħlas lil promoter tal-attivita. Is-sur Cachia qal illi m'hemmx ħlas għal dan is-servizz. Is-sur Callus żied illi meta kien għamel attivitajiet simili taħt il-leġislatura preċedenti, ma kien hemm l-ebda ħlas għall-promoter u li dan kien jieħu xi ħaġa għax-xogħol tiegħu mill-istands.
Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill taż-Żurrieq għandhom jieħdu deċiżjoni rigward l-attivita nhar il-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015.

**5. Korrespondenza**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex resident minn Ħal Safi li jixtieq juza s-sala biex jipprattika l-Ballroom Dancing. Il-Kunsill ma qabilx peress illi kienet ittieħdet deċizjoni li s-sala ma tinkeriex. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien diġa avza lil dan il-persuna dwar id-deċizjoni li ħa l-Kunsill fil-bidu tal-leġislatura u għalhekk staqsa lil dan il-persuna jekk hu lest joffri lezzjonijiet tal-ballroom dancing u juza s-sala ftit qabel jew wara dawn il-lezzjonijiet. Il-Kunsill qabel illi f'dan il-kaz ikun jista juza s-sala.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qara emajl rigward ilment f'triq in-Nassaba fejn hemm barranin illi mhumiex qegħdin jirrespettaw il-ġirien tagħhom, u l-ambjent, peress illi qegħdin iħallu l-boroz taz-zibel barra wara l-ħin tal-ġbir. Is-sinjura talbet illi ssir skip fit-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv zied illi ftit xhur ilu konna rċevejna l-istess talba li ġie rrifjutat fil-leġislatura preċedenti. Zied illi anka fejn konna rajna progress, f'triq San Ġorġ, issa hemm min qed jabbuza u jħalli z-zibel barra.
Il-Viċi Sindku qal illi l-kunsilliera ma kienux qablu meta kien ressaq il-proposta ftit xhur ilu. Zied illi minn naħa tagħna għandna nlestu avviz bil-ġranet illi għandhom joħorġu kull tip ta' borza, bil-ħinijiet indikati. Qal illi dawn il-problemi jeżistu f'toroq oħrajn madwar ir-raħal, waqt illi issa hemm min qed jarmi l-boroz wara l-Convenience Store, jew fejn il-Bring In Sites.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'għandniex għalfejn nimlew ir-raħal bl-iskips u n-nies qegħdin jingħataw servizz kuljum fejn jidħol ġbir ta' zibel.

Rigward il-kaz ta' triq in-Nassaba ġie deċiz illi sid tal-post għandu jagħmila ċert illi dawn in-nies ikunu konxji tal-avviz tal-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv talab lil kunsilliera biex ilestu karta biz-zoni fejn hemm l-iktar problemi ħalli nagħmlu avviz f'dawn l-areas.

5.3 Il-Kunsill irċieva talba biex issir bozza fl-area ta' Ġawħar fejn il-Kunsill jkollu joħroġ ammont ta' ftit inqas minn €900 li ma jinkludix ħlas għat-trenching u għal-cables. Il-Viċi Sindku qal illi hu mhux kontra s-suġġeriment izda jekk nagħmluha wara talba ta' persuna, għandna nagħmlu l-istess wara kull talba li nirċievu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi min ressaq it-talba għandu jkun lest joħroġ xi ħaġa hu.
Il-Kunsill qabel illi l-area għandu bzonn id-dawl izda ma qablux illi l-Kunsill għandu joħroġ l-ispejjez għall-bozoz. B'hekk ġie rrifjutat it-talba għax jekk nagħmlu waħda għalih ikolna nagħmlu waħda għal kull talba li nirċievu.
Il-Viċi Sindku Francis Callus staqsa għalfejn għad m'hemmx dawl f'Ġnien il-Ħelsien. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kelna nerġaw napplikaw għal Compliance u li l-Perit ħa ħsieb l-applikazzjoni ftit jiem qabel.

5.4 Il-Viċi Sindku Francis Callus staqsa fuq il-korrespondenza rigward il-manhole fl-isqaq San Pawl. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċevejna lment illi l-manholes fl-area ġew moħbijin meta ngħata t-tarmak ftit snin ilu. Il-Viċi Sindku qal illi l-Kunsill ikkritikaħ għax kien jikxef il-manholes fil-passat.

**6. Payment Approval Sheet**

6.1 Il-Payment Approval Sheet ġiet approvata u ffirmata.

**7. Laqgħa mas-Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ**

7.1 Is-sinjorina Silaine Cutajar [Ambaxxatur tar-raħal u Sindku tal-KLZ] irringrazzjat lil Kunsill għall-għajnuna għall-proġett tagħhom li ġie ppremjat rebbieħ f'kompetizzjoni nazzjonali. Hi qalet illi l-kunsilliera kollha huma mistednin għat-tneddija tal-proġett nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru [fis-sala tal-Kunsill].

Is-sinjorina Cutajar qalet ukoll illi hemm sejħa għall-proġetti għal 2016 fejn il-KLZ jista jagħmel uzu ta' €3000 fondi mill-Aġenzija Żagħżagħ u l-Kunsill ikollu joħroġ il-parti tiegħu ta' 20% [€600]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fuq xiex inhu magħmul il-proġett. Is-sinjorina Cutajar qalet illi jixtiequ jagħmlu attivitajiet għat-tfal fejn jitagħlmu huma fuq it-tisjir u affarijiet oħrajn b'temi soċjali. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi għandhom jibdew mill-qiegħ tas-soċjeta sakemm nedukaw u jkolna futur aħjar għar-raħal tagħna.

Il-Viċi Sindku staqsa għal xiex kien l-istedina li semmiet fil-bidu tad-diskors tagħha s-sinjorina Cutajar. Ikkonfermat illi l-istedina qegħda għall-proġett illi saret diġa

**8. Proġett fejn il-Mitħna tax-Xarolla [Proġett konġunt mal-Kunsill taż-Żurrieq].**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rapprezentanti tal-Kunsill taż-Żurrieq ġew biex jagħtu izjed updates rigward dan il-proġett wara li l-kunsilliera kienu talbu għall-izjed informazzjoni fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil u l-perit taz-Żurrieq ukoll kienu preżenti għal laqgħa. Huwa taw spjegazzjoni tal-proġett, fejn se jsir ħġieġ mal-art biex wieħed jagħdi minn fuq il-katakombi. L-applikazzjoni se tkun waħda konġunta u l-Kunsilli se jkollhom joħorġu madwar 20% tat-total. F'dan il-kaz il-Kunsill se jkollu joħroġ l-ammont dovut fuq ix-xogħol illi jsir fil-konfini tagħna. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

**9. Tile-laying [stimi] għall-iskola Primarja ta' Ħal Safi**

9.1 Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill kien tkellem fuq it-talba tal-iskola biex il-Kunsill iħallas għax-xogħol neċessarju fl-iskola. Il-Kunsill se jkollu jħallas għat-tqegħid tal-magħdum u mhux għax-xiri tagħhom. Is-Segretarju Ezekuttiv ħareġ l-istimi li rċieva wara li kien għamel sejħa għall-offerti għall-pubbliku. L-irħas stima kien ta' €3569.50 mis-sur Christ Zammit. Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qalu li avolja kien hemm qbil illi l-Kunsill jgħin finanzjarjament, ma kienux qegħdin jistennew dawn l-ispejjez kbar u għalhekk sabu diffikulta biex jaqblu fuq dan l-ammont.

Ġie deċiz illi l-kunsilliera għandhom jagħrfu lil kuntratturi li jafu li jagħmlu dan ix-xogħol biex jekk hemm wieħed li jagħmel dax-xogħol għal prezz irħas inkomplu bix-xogħol. Is-Sindku qal illi ġejja l-

Eċċelenza l-Presidenti Maria Louise Coleiro għall-okkazzjoni fl-iskola u li hemm bzonn illi x-xogħol issir sa dakinhar.
Il-kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk il-gvern jista jgħin. Is-Sindku rrisponda li l-iskola diġa ibbenifikaw ħafna mill-fondi tal-FTS.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-fehma tiegħu l-iskola għandha toħroġ xi ħaġa. Is-Sindku qal illi m'għandhomx finanzji bizzejjed.
Il-Kunsill qabel illi l-kunsilliera għandhom jistaqsu lill-kuntratturi oħra li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol biex jagħtu stima. Jekk le l-Kunsill jibqa għaddej bl-irħas stima li rċieva. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta waħda jemmen illi l-iskola għandha tħallas parti mill-ispejjez. Qal illi ma jixtieqx jidher qisu ma jridx jgħin, izda qal illi l-Kunsill ma jista joqgħod jonfoq flus għall-entitajiet oħra.
Il-Viċi Sindku qal illi sar zball peress illi ma konniex nafu kemm hemm metri meta rċevejna t-talba inizjali. Qal illi xorta hemm fejn wieħed għandu jgħin izda qal illi anqas għandhom jippretendu li noħorġu dawn l-ammonti kbar ma kull talba li jagħmlu.

Fuq kaz separat ma dan il-punt, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm arblu fl-iskola, int u dieħel lejn il-librerija, illi se jaqa.

**10. Tender: Grawnd tal-futbol [deċizjoni]**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetaħ il-kaxxa tat-tenders u ħareġ l-offerti. Il-Kunsill irċieva offerta waħda li kien mis-sur John Seychell. Id-dokumenti kienu skond l-ispecs tat-tender u dan tefa offerta li l-Kunsill joħroġ 25% tat-total li jdaħħal għall-kiri tal-grawnd. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi b'hekk il-Kunsill se joħroġ l-istess ammont għal kull kirja li kien joħroġ fil-kuntratt l-antik. Il-Kunsill qabel mal-impjieg ta' dan il-persuna.

**11. Bye-law għall-isponsor tal-kit tal-futbol tan-Nursery**

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv talab għal suġġerimenti rigward l-ispecs li kien ta lill-kunsilliera flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi fil-fehma tiegħu l-kuntratt għandha ssir kull sena u mhux waħda ta' tlett snin. Is-Sindku qal illi b'hekk ikun hemm problema bil-kit u l-Kunsill ikolu jixtri kit ġdid kull sena. Is-Segretarju Ezekuttiv isuġerixxa li noħorġu kuntratt għal sena bil-

possibilita li l-kuntrattur jieħu sena extension bħal ma jsir għat-tenders tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

**Il-kunsillier Carlo Stivala talab illi jkun skuzat mil laqgħa. Hu kien skuzat u ħareġ mill-kamra tas-Seduti fis-7.05pm. Għal dan ir-raġuni, kif ukoll għalhiex il-kunsilliera ma kienux raw l-ispecs kollha fid-dettall qabel il-laqgħa, it-tender tas-soft areas [punt nru 11 fl-Aġenda] għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.**

**12. Ħwejjeg Oħra**

Is-Sindku

12.1 qal illi l-Head Kowċ tal-futbol talab illi l-End of Season [tas-sajf] isir nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru fis-sala tal-Kunsill u li l-Kunsill se jieħu ħsieb l-ikel u x-xorb bħal ma jsir kull sena. Il-kunsilliera kienu mistednin għall-attivita.

12.2 ressaq suġġeriment biex il-Bring In Sites ta' triq il-Kuċċard jibgħu fejn qegħdin issa [lejn il-konfini taż-Żurrieq] u li nresqu l-kameras s'hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna bzonn il-permess mingħand MEPA biex dan isir u li kien diġa talab lill-Perit biex jieħu ħsieb l-applikazzjoni biex bl-approvazzjoni tal-Kunsill ikun hemm inqas dewmien għal dan ix-xogħol.
Il-Viċi Sindku qal illi avolja hemm distanza sa l-eqreb djar, xorta jemmen illi hemm bzonn ta' komunikazzjoni mar-residenti li jgħixu madwar l-area. F'kaz illi m'hemmx oġġezzjoni napplikaw illi ssir bankina. Żied illi m-għandhomx isiru pots fuq il-bankina.
12.2.1 Fuq is-suġġett tal-BIS is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ stima li rċieva għal-kaxxa heavy duty u DVR ġdid, li huma bzonnjuzi fuq iż-żewġ sites eżistenti. L-istima għal kull kaxxa/DVR tammonta għal ftit izjed minn elf ewro. Il-Kunsill qabel illi dawn jinxtraw. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi l-cable għandha ssir ġo pipe tal-ħadid mal-arblu. B'hekk se jiżdied il-prezz. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel nixtru set wieħed għall-BIS ta' Qerd in-Naħal waqt illi niċċaqalqu l-kamera ta' triq il-Kuċċard sa fejn qegħdin is-sites issa [wara li nirċievu l-approvazzjoni tal-MEPA], u wara nixtru it-2 set għal triq il-Kuċċard.

12.3 ressaq suġġeriment illi nixtru tabella li tindika fejn qiegħed sqaq Karwija. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi għandna nagħmlu tabella f'kull naħa [ie hemm bzonn ta' 2]. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

12.4 qal illi tkellem mas-sur Polidano ta' Polidano Brothers biex jieħu ħsieb l-isleeping police li saru mingħajr permess f'triq il-Feniċi. Qal illi ssuġġreixxa li ssir waħda bir-rubber minflok. Il-Viċi Sindku Francis Callus u l-kunsillieri Pietru Pawl Busuttil u Joanna Abdilla qalu li m'hemmx bzonn sleeping police hemmhekk. Il-Viċi Sindku qal ukoll li huwa ferm diffiċli biex titneħħa l-isleeping police mingħajr ma nagħmlu ħsara fit-triq. Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat illi ġejjin se jkun hemm HAYMAC jew JCB għal xi xogħolijiet illi għandhom isiru fl-iskola u kien se jagħmel talba li din tintuza għal dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku qal illi xorta se jkun hemm spejjez kbar. Qal ukoll illi fl-opinjoni tiegħu hemm bzonn ta' scarifying u titbaxxa minflok ma titneħħa. Dawn ukoll se jkopru l-ispejjez.
Is-Sindku żied illi s-sur Polidano qal illi dan ix-xogħol sar mingħand il-Kunsill. Dan il-punt kien ġie diskuss taħt il-laqgħa preċedenti fejn il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kienu ċaħdu dan illi qal is-sur Polidano

12.5 reġa qal fuq il-problema li resident qed jitfaċċa fl-area ta' Ġawħar fejn l-ilma qed tinzamm barra l-propjeta tiegħu. Il-Viċi Sindku fakkar illi fil-leġislatura preċedenti kien qal illi se jieħu ħsieb ix-xogħol hu, izda dan l-individwu li qed isib il-problemi ħa l-liġi b'idejħ u għamel xogħol ta' manutenzjoni fuq art pubbliku għax tilef il-paċenzja. Il-Viċi Sindku żied jgħid illi dan il-persuna ma jistax jippretendi l-'backing' tal-Kunsill issa u hu mhux se japprova t-talba tiegħu. Qal illi dan il-persuna għandu jirrispondi hu għax-xogħol ħazin illi għamel, u żied illi barra minn hekk kien il-Kunsill illi rċieva l-kont għal dawn ix-xogħolijiet.
Is-Sindku qal illi l-ħaddiem tal-IPSL mar miegħu fuq il-post u qal illi jista jieħu ħsieb ix-xogħol hu. Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qalu illi hemm bzonn ta' scarifying.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk se nħalsu għal dan it-tip ta' xogħol, ikolna nagħmlu l-istess wara kull talba simili li nirċievu

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-laqgħa kienet ilha għaddejja għal tlett siegħat u staqsa għall-approvazzjoni mill-kunsilliera preżenti li l-laqgħa titkompla. Il-kunsilliera qablu.**

12.6 qal illi l-Head Kowċ tan-Nursery jixtieq illi nixtru l-kits tat-training għall-kowċes. Il-Viċi Sindku qal illi biex ma naħlux il-flus dawn isiru meta jkun niddeċiedu fuq l-offerti tal-isponsor. Is-Sindku qal illi dawn se jiswew €150 kull kit.

12.7 irċieva lmenti fuq l-ammont ta’ nies illi jkunu fil-ġnien barra l-Kunsill filgħaxija u minħabba l-attitudni u l-atti li qegħdin isiru minn dawn in-nies illi jiġu biex juzaw il-wifi. Il-Viċi Sindku kkonferma li hemm minn qiegħed joħloq problemi. Il-Kunsill qabel illi ma jkunx hemm servizz tal-wifi wara l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Francis Callus:

12.8 qal illi hemm bzonn illi nduru dawra bil-valenu peress illi ammont kbir ta’ ġrieden. Il-Kunsill qabel

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

12.9 ssuġġeriet illi nagħmlu tabelli li l-alkoħol huwa projibit fil-ġnien barra l-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu tabelli għall-ġonna kollha.

12.10 qalet illi għaddhemm il-ħamrija f’triq il-Kuċċard. Il-Viċi Sindku qal illi għandna naraw ta’ min hu l-ħamrija. Il-Kunsill m’għandux jaqsam ma’ dan.

12.11 irċeviet talba minn resident ta’ triq il-Ħlantun illi jixtieq illi titkompla linja bajda eżistenti biex il-kaxxa li hemm tkun waħda sħiħa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil żied illi hemm basement fejn il-Berġa li tintuza bħala garaxx u hemm bzonn ta’ double yellow line barra dan il-garaxx ukoll. Il-Kunsill qabel.

12.12 Qalet illi x-xitel tar-roundabout qegħdin hemm għal xejn. Il-Kunsill qabel illi nneħħuhom bil-mod.

12.13 talbet għall-update rigward l-istreet names. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn ġew ordnati u għandhom ikunu lesti sal-ġimgħa li jmiss.

12.14 qalet illi tixtieq tippjana ħarġa kulturali għal Belt fejn residenti jmorru jaraw il-Port il-Kbir u ‘Living History’. Il-Kunsill qabel.

12.15 staqsiet jekk ġew konfermati l-lezzjonijiet tal-LLL. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jkun hemm l-Accounts biss u dawn il-lezzjonijiet għandhom jibdew f’Ottubru. Inizjalment it-talba kienet li dawn isiru kull nhar ta’ Ħamis u se jkunu bejn il-5pm u it-8pm.

12.16 staqsiet jekk hemm permess biex isir Child Care Centre. Il-Viċi Sindku qal illi hemm permess għaċ-CCC u llum l-Gvern qed joffri Child Care b'xejn u l-Kunsill kien ħa deċizjoni li ma jkomplix b'dan il-pjan, kif ukoll illi l-art ma ġietx espropriata.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien lest juza l-ħaddiema tal-IPSL biex jibni dan il-proġett izda wara l-inizjattiva tal-gvern ma kienx 'worth it' u waqafna l-pjanijiet.

12.17 għamlet l-istess talba bħal punt 12.6 izda rigward in-Night Shelter. Il-Viċi Sindku spjega li l-Kurja offrew illi nuzaw il-mużew tas-subien u li kelna nħalsu kirja ta' €15000 għall-ewwel għaxar snin u €25000 għal 20 sena ta' wara, kif ukoll kelna nieħdu ħsieb il-manutenzjoni aħna. Għalhekk ħassar dak il-pjan u ħaseb illi tinbena it-tielet sular fuq il-Kunsill. Il-Kunsill mhux qiegħed f'pożizjoni li jħallas għal dawn it-tip ta' proġetti.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

Kien skuzat mil laqgħa

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

12.26. Staqsa dwar update tal-AED's. Is-Sindku qal illi qegħdin nistennew il-kaxxi waterproof. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn ta' hoods bl-istainless steel. Żied illi Technoline kienu pprovdu kaxxa għal barra li ma kinitx tajba. Żied illi kien avza lis-Sindku li għandu jitkellem ma rappreżentant ta' DataTrakk biex jara x'hemm bzonn illi jsir.

12.27 Qal illi qed isiru abbuzi taħt siġra li hemm f'Ta Amparell [mar-roundabout] u hemm bzonn zabra ma din is-siġra partikolari.

12.28 Qal illi rċieva lment fuq il-microphones li jintuzaw waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi xtrajna l-mics skond l-ispecs tat-tender, kif ukoll l-ammont stipulat fl-istess tender. Jekk għandna nixtru mics ġodda għandhom ikunu l-istess u spiza tal-Kunsill.

13. **Laqgħa li jmiss**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil-15 ta' Ottubru

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |